# IL-POEŻIJA TA' DUN KARM HIJA MERA TA' HAJJA LI QED TISPIĊĊA

Ta' Henry Bellizzi

M'hemmx għalfejn noqgħod ingħid min kien Dun Karm, għax ismu llum hu magħruf bizzejjed mal-erbat irjieħ tal-gżejjer tagħna. Fil-poeżija tiegħu dal-poeta laħaq l-aqwa livell, u dan ġara għax Dun Karm barra milli hu bniedem kolt, jikteb biss il-vera poeżija, jiġifieri dik ħierġa mill-qalb u l-moħħ ta' bniedem li ħabb u bata. Fil-poeżija tiegħu naraw jilma l-ġmiel tal-ħolqien bla ebda eċċezzjoni għax Alla ħalaq kollox sabiħ u sewwa u hu l-bniedem li jtellef din is-sbuħija:

Irrid nara xebbiet xuxthom mikxufa
Jew safra daqs id-deh'b jew sewda tuta,
Harsithom berqa, kull ma fihom saħħa,
U bla ma jafu

Henjin; qawwija fi mħabbithom siekta,
Il-mixi rżin għalkemm ġenbejhom jaqbżu
Ma' kull medda ta' riġel, u sidirhom
jiżfen mal-mixja.

Dun Karm sofra f'ħajtu d-dubbji u għalkemm ma tahomx widen ħasshom qed jifnuh:

Mulej, urini
it-triq tal-hena; ixgħel ġewwa ħsiebi
id-dwal tal-fehma u minn fuq qalbi neħħi
l-għoqla ħarxa tad-dmugħ.

Barra minn niket tad-dubbji, Dun Karm bata wkoll minħabba f'xi kalunnji li xi nies ħżiena kienu qalgħu fuqu:

. . . fejn żrajt il-ward kiber bil-kotra
Xewk u għollieq, u min bi mħabbtu safja
Sata' jsabbarni ntemm qalbi ġi qabar.

Dun Karm, iżda, barra milli hu bniedem tal-laħam bħalna għandu qalb ta' saċerdot, li taħfer, li ma tintrabatx mal-frugħat tad-dinja; hu jara d-dinja minn ġewwa u minn barra u msaħħaħ mix-xrar ta' fidi u tama li ommu, mara

twajba, kienet żergħetlu f'qalbu kmieni jitfa' ħarstu 'l fuq u jissabbar:

Imma naf illi d-dmugħ miżrugħ fid-dinja
Irodd ferħ fis-smewwiet u wara dina
Il-ħolma li ngħidulha ħajja, tiġi
Il-qawma mill-imwiet fid-dwal ta' dejjem.

Dun Karm fil-poeżija tiegħu jurina li ż-żmien jista' għal kollox u għal kullħadd. Jara bl-esperjenza u mill-istorja ta' l-umanità li bliet magħrufa bħal Ateni u Ruma u n-nies li għexu fihom u li ħallew ġieh warajhom mietu u spiċċaw u ma fadalx ħlief isimhom jhedded bil-qirda ta' kollox. F'*Musbieħ tal-Mużew* il-poeta f'versi qosra jurina kif il-ħajja tispiċċa; jibda minn meta l-Imperu Ruman kien fl-aqwa tiegħu u jibqa' sejjer sa żmenijietna meta l-bniedem qed jivvinta u jħabrek kif jeqred lilu nnifsu, donnha mhix biżżejjed il-mewt li Alla jibgħat:

Kemm gerbeb żmien fuqek
Kemm ġrajja għaddiet
Kemm twieldu, kemm kibru,
Kemm mietu saltniet.

u fis-sunett *Roma Immortalis* jgħid:

Fejn hu l-midbaħ ta' Gove? Id-djar mgħonija
Tas-slaten rebbiħin; Iddew! fejn huma?

Dun Karm iħossu mitluf fi problema bħal wieħed f'nofs ta' baħar li jrid jixrob u ma jistax. Jara l-ħajja madwaru tidħak ferħana, għasafar u siġar qishom ma jafux b'niket u mewt filwaqt li l-bniedem tiela' u nieżel malħabel tal-ħajja mwiegħra, se jegħreq u jerġa' jitla', bla nifs; u l-poeta jmur igħajjat:

. . . x'tiswa l-ħajja
la minn nebbieta fil-għeruq moħbija
trabbi s-susa tal-mewt? Mhux bin il-għaqal
tibni biex tħott, tpinġi s-sabiħ u tħassru.

u *Fil-Katakombi* jikteb:

X'jiswa, x'jiswa
tikseb u taħżen, la ma żżommx għal dejjem,

Iżda, kif ġa għidna, Dun Karm barra milli hu poeta hu fuq kollox saċerdot kattolku mibni u msawwar sewwa fuq prinċipji Nsara. Il-poeta ma jiddisprax bħal poeti oħra li wara li għarfu sewwa x'inhi l-ħajja waqfu hemm

u neħħew kull tama fil-Hallieq. Le, għal Dun Karm ma jispiċċax kollox, għax il-bniedem hu magħni b'ruħ immortali li trid tgħix ħajja oħra wara din, wisq isbaħ u bil-wisq iktar nobbli:

Mhux kollox inqered
Taħt minġel ħażin
Mhux kollox jitbiddel
Mal-ħarba tas-snin.

Il-poeta tagħna jħoss fih ġibda speċjali lejn Kristu sultan, għax fih jara l-kobor bla qies, majestà li ma tafx mit-tħassir tad-dinja. Hu rebaħ lill-istess mewt u ismu jibqa' jsaltan għal dejjem:

L-eluf ta' snin li gerbu
Qablek, l-eluf li ġew
Warajk, kollha sellmulek;
Quddiem għajnejk għaddew.

Dun Karm bħala veru Kattolku jġib l-istess rispett u mħabba lejn il-Knisja Mqaddsa u dan forsi barra milli hu saċerdot, hu miġbud mill-Knisja ta' Kristu għax din fuq il-wegħda Tiegħu stess "portae inferi non praevalebunt adversus eam", iħoss li qed iżomm mas-sod u li mhux sejjer imqarraq:

Iblah min jaħseb, billi jxerred demmek,
Sejjer jeqerdek: Dak li dejjem miegħek
Jarmi l-Imperi biex iwettaq lilek.

Fi żmien Dun Karm iktar milli fi żmienna kien għadu ħaj il-ħsieb med-jevali tal-mewt u li fid-dinja kollox igħaddi: konna nisimgħuh, dan il-ħsieb, fil-priedki, u naqrawh f'gażżetti u kotba kemm ta' proża kif ukoll ta' poeżija li għalhekk Dun Karm, poeta klassiku, mexa max-xeħta ta' żmienu barra milli jidher konvint minn dak li jgħid.

Bħalma ġa rajna, Dun Karm jitgħaxxaq wara l-ġmiel tan-natura għax din hi xhieda ħajja tal-perfezzjoni u ta' l-attributi l-oħra t'Alla. Jitgħaxxaq bil-kewkba tas-safar Dun Karm, u jgħid li ma tbiddilx mixjietha tirrefletti l-immutabiltà t'Alla. Jieħu gost jiftakar fi tfulitu meta l-beraħ kien ħabi-bu; iżda għalkemm in-natura sservih ta' mistrieħ, Dun Karm bħal Pascoli tiġih l-għira għaliha, fis-sens li ma jistax jifhem kif il-bniedem li hu bil-bosta aqwa mill-ħlejjaq l-oħra, b'danakollu hu jmut fil-waqt li n-natura dejjem friska u ħajja donnha biex tinki l-bniedem u għalhekk fil-poeżija sabiħa tiegħu *Żagħżugħ ta' dejjem* jgħid lil baħar:

fuq wiċċek biss, ja Baħar,
żagħżugħ ta' dejjem, jgħaddu s-snin bil-mija,

bl-eluf u bl-għaxart elef,
u qatt ma jonqsu l-għelma tax-xjuħija.

Għalkemm Dun Karm kien isib l-għaxqa tiegħu jilgħab mal-kanarin tiegħu u jqis kull ċaqlieqa li jagħmel, madankollu tiġih l-għira għalih meta jħoss il-piż tas-snin jagħmel fuq daru fil-waqt li l-kanarin jidher dejjem l-istess, m'għandux minuta kwiet, dejjem ferħan:

Għal xejn nersaq
Xi drabi ħiemed fuq subgħajn riġlejja
Biex naqbdek rieqed jew għajjien: minn tlugħek
Ja xemx, sa nżulek, l-ebda serħ u l-ebda
Għeja ma tagħmel bik.

L-immutabiltà tan-natura terfagħlna l-ħsieb iktar 'il fuq fid-dinja li ġejja, fejn xejn ma jitbiddel għal dejjem.

Dun Karm hu poeta essenzjalment patrijottiku; jifraħ fir-rebħiet ta' Malta u ruħu titniegħed meta jaraha magħkusa, imkasbra, maħkuma mill-idejal tal-barrani li xejn ma jaqbel ma' dak li ħallewlna missirijietna. Jara l-ħajja ta' Malta tagħna qed tinbidel: "Issa l-libsa, jaħasra! m'għadhiex sħiħa" iżda l-poeta jilmaħ taħt il-bruda l-kuraġġ ta' sur li Malta wriet meta ħaditha ma' l-għadu tagħha:

'Mma jien ma rajtek qatt bħall-lum sabiħa,
O Malta tiegħi; għax mill-libsa mċarrta
Stajt nara 'l sidrek u l-għeruq ta' ġewwa.

Biż-żmien, id-dinja kollha tbiddlet u qiegħda titbiddel u ħafna drabi, sfortunatament, bil-progress kollu li niftaħru bih, id-dinja sejra għall-agħar. Kibret il-mibgħeda fost il-ġnus, il-flus saru kollox, Alla qisu ma jeżistix iżjed għax ix-xjenza saret l-alla li jista' kollox u għalhekk Dun Karm jistaqsi lil Malta:

Maħbuba Malta tiegħi; fejn hi d-dija
Li dari tixgħel ġewwa ħbub għajnejk?

u fil-poeżija *Lil Malta* l-poeta jilminta:

Kont il-warda tad-dinja u sirt il-miżbla;
minn kull xorta ta' qżież dieħel ġo fik;
inti tilqgħu u tifraħ, mara belha!
u d-dinja tidħak bik.

Iħoss il-poeta li Malta qed titlef il-wirt tal-Fidi li ħallielna San Pawl. Mill-gwerra 'l hawn il-poplu tagħna ddakkar minn ġnus oħra li ġew iżuruna

u mad-drawwiet tal-ħajja nbidlu wkoll id-drawwiet imqaddsa; inżergħat fostna l-mibegħda, bdilna 'l Alla mal-flus u għalhekk b'qalb maqsuma Dun Karm jitlob lil San Pawl fis-sunett *Il-X ta' Frar (1963)*:

Hares, Missier, għax int ġarrabt il-mewġa,
f'liema baħar tinsab id-dgħajsa tagħna!
kien sabiħ l-ilma u kienet friska l-fewġa;
issa bil-ħalel donnu jrid jiblagħna.

Dun Karm jeħla bil-kampanja, bid-drawwiet sbieħ antiki u sempliċi ta' missirijietna u forsi din hi l-akbar xewka għalih jara dawn id-drawwiet, din is-sempliċità jgħibu. L-iktar li jħoss il-poeta hu meta jara l-mara Maltija, magħrufa għas-saħħa u l-ġmiel tagħha, mormija mat-toroq tagħna tagħmel għajb lil pajjiżha. Hekk jgħid lix-xebba tar-raba':

Imbierka! Int ma tafx kif jgħaddu l-ljieli
Fid-daqq u ż-żfin, u n-nhar fil-għażż u l-frugħa
Xi xbejbiet oħra: u anqas taf kif qaddhom
Ġo l-azzar iebes
Ireqqu, biex imbagħad jgħaddu mat-toroq,
Taħt il-għajnejn ta' min jiddieħek bihom.
Hlief daqs ir-rix, imma, jaħasra f'wiċċhom
Sfajra u midbiela.

Wara li l-poeta jħares madwaru u jara l-bidla f'kollox, jara kollox jixjieħ, jinbidel u jispiċċa, jagħti wkoll ħarsa fuqu nnifsu u jistagħġeb bilbidla li twettqet fih. Jibki l-poeta ż-żmien ħelu ta' tfulitu meta hu u l-beraħ bħal Wordsworth kienu ħaġa waħda. Jiftakar fiż-żmien ħelu li għadda u tar meta daqsxejn ta' tfajjel kien jinġabar ma' ħutu d-dar fuq mejda waħda:

Ftakart fik, żmien ħelu,
Meta kont f'dar missieri, u mejda waħda
kienet tiġborna lkoll, f'rabta ta' mħabba,
lili, lil ħuti, u 'l dawk li nissluna.

Saħħtu m'għadhiex li kienet, issa qabad in-niżla sewwa. Jixtieq il-poeta jwaqqaf iż-żmien, jibqa' bħal baħar "żagħżugħ ta' dejjem" iżda dan kollu għal xejn għax kull min twieled irid imut:

Iż-żmien naqas fuq ġbini
u fuq ħaddejja ħżuż li kull ma jmorru
joktru u jiswiedu.

Beda jħoss ukoll it-tmiem riesaq, iħoss bħal kamla li tgħawwarlu ħajtu sa ma tħallih ma jiswa għal xejn:

U t-tmiem riesaq kuljum.
Dik il-qawwa moħbija
li tħott u ġġarraf kull ma tibni l-Hajja.

Ġa għamel ħbieb mal-mewt il-poeta tagħna, għax spiss jitkellem fuqha bħal wieħed li jduq ftit semm kuljum biex is-semm ma jkollux qawwa fuqu:

Irrid nisma' lix-xjuħ ta' tmenin sena
Jitħaddtu bla ma jgergru u mingħajr biża'
Tal-mewt li fuqhom bħal ħabiba tersaq.

Iżda wkoll fl-aħħar poeżijiet tiegħu jidher ċar ir-raġġ tat-tama jikser id-dlam tat-taħsir u tal-materjaliżmu. Il-poeta jilmaħ tfeġġ it-tama lilhinn mill-qabar. Għalkemm ixebbah il-ħajja ta' bniedem ma' ħajtu ta' xejn, xemgħa tnemnem:

U l-ħajja tal-bniedem
Sew hena, sew hemm
Bħal xemgħa li tixgħel
Iddub u tintemm,

madankollu tgħix fih it-tama ta' ħajja ġdida:

Oh x'tama! Mhux kollni
Nintemm ġewwa t-trab;
'L hinn iżjed mill-qabar
Hajja oħra tinsab.

Ma' Dun Karm il-Malti tela' artistikament klassiku. Hu jorbotna ma' l-Ewropa klassika, juża vokabularju mill-isbaħ sa u jeħodha mal-poeti klassiċi ta' l-Ewropa. Dun Karm jirrappreżenta flimkien ma' Temi Zammit ġenerazzjoni li waslet biex tispiċċa jew aħjar li spiċċat. Dun Karm hu parti mis-soċjetà, jieħu dwal minnha u jixħet dawl fuqha u l-poeżija tiegħu hi verament mera ta' ħajja li qed tispiċċa.